MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Numru. 5/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Carmel Grech, ta’ 56 sena, iben Joseph u Inez nee’ Grech, imwieled Valletta, Malta, nhar it-12 ta’ Novembru, 1953, residenti fil-fond Progett ta’ Bieb il-Belt, Bieb 3, Fl 9, Triq ir-Repubbblika, Valletta, Malta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 808853(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Carmel Grech li gie akkuzat talli nhar it-22 ta’ Novembru 2009 gewwa l-Mgarr, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer ta’ Malta, f’hinijiet differenti, eccita, ghen jew iffacilita’ l-

korruzzjoni ta’ Peter Cassar (ID No. 22894G) persuna ta’ taht l-eta’;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Jannar 2010;

Rat ir-rinunzja maghmula mill-kwerelant ghall-azzjoni kriminali esebita bhala dokument F fl-atti;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ikkomtemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 dwar il-korruzzjoni ta’ minorenni. Illi s-subinciz (3) tal-istess Artikolu tal-Ligi jipprovdi illi ma jistghux jittiehdu proceduri kriminali jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza;

Illi l-parti offiza f’dan il-kaz iddikjarat li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kif jixhed id-dokument F esebit fl-atti tal-kawza li jindika illi sahansittra l-istess parti leza ma tixtieqx li tixhed f’dawn il-proceduri;

Illi minn dak iddikjarat mill-Ufficjal Prosekutur, kif ukoll mid-dokumenti l-ohra esebiti fl-atti u senjatament l-okkorrenza dokument B u l-istqarrija tal-imputat dokument D, jirrizulta illi l-fatti ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fil-proviso ghall-Artikolu 544 tal-Kapitolu 9 u cioe’ l-istanzi fejn il-Pulizija tista’ tipprocedi ex officio fil-konfront tal-imputat;

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dak suespost u wara li rat l-Artikolu 203 (3) u l-proviso ghall-Artikolu 544 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara l-procediment ezawrit stante rinunzja tal-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------